MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 59/2002
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Versus**

**Kenneth Camilleri**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Kenneth Camilleri ta’ 19-il sena, iben Victor u Gloria nee Roberts, imwieled il-Pieta’ fil-5 ta’ Ġunju 1982 u li joqgħod Cor Unum, G.Sandys Street, San Pawl tat-Tarġa, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 318482 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 t’Awwissu 2001 u x-xhur ta’ qabel ġol-Marsa u fi bnadi oħra f’Malta f’ħinijiet differenti

(a) biegħ jew offra li jbiegħ droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija Liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

(b) kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussugwentement emendat u l-artikolu 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

2. Il-Qorti ntalbet, li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-istqarrija tal-imputat, il-fedina penali tiegħu, l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2001, ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 3184 tal-1982 u d-dikjarazzjoni magħmula mill-partijiet li ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu diġa' ġew reġistrati quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

6. L-imputat kien arrestat waqt party fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Awwissu 2001 meta fuqu nstabu żewġ pilloli. Fl-istqarrija huwa qalli li kien bela' nofs pillola ecstasy u ta n-nofs l-ieħor lil ħabiba tiegħu. Filfatt din il-biċċa pillola qatt ma waslet għand il-ħabiba għax waagħet fl-art. B'kollox kellu erba' pilloli ecstasy. Tnejn minnhom sabuhom il-

Pulizija. L-aħħar li kien ħa ecstasy kien is-sena ta' qabel. Meta jagħti l-pilloli lil sħabu, dan qatt ma kien għamlu għall-profitt u kien ibiegħhom bl-istess prezz li kien jixtri.

7. Xehdet Antonella Gili li qalet li nnofs pillola kienet ġabitha minn għand l-imputat. Huma kienu ltaqgħu waqt il-party u l-imputat kien qalilha biex jaqsmu waħda. Il-pillola kien qasamha quddiemha. Hi kienet ħadet l-ecstasy darbtejn oħra minn għand l-imputat u dan kien sar forsi xahar jew xahrejn qabel 'minn dak in-nhar'. A fol 13, din ix-xhud qalet li 'kienu xtawha minn għand Kenneth u tawha lilha.' (13). Kienu xtrawha quddiemha. Għall-ewwel qalet li kienet rathom jixtruha minn għand l-imputat u mbagħad qasmitha ma' xi ħadd ieħor. Iżda meta staqsietha l-Qorti qalet li ma kinitx rat nies jgħaddu flus lill-imputat. Imbagħad qalet li rat lill-imputat jgħaddi pillola ecstasy lill-persuna li x-xhud kienet tatu l-flus biex jixtri.

8. It-tieni darba kienu sejrin boat party. Hi tat il-flus lil persuna oħra u rat lill-imputat jgħaddi d-droga (fol 14)

9. Fil-kontro eżami hi qalet li xi ħadd kien jixtri l-pilloli u imbagħad jaqsmu l-pilloli. **Hi ma kinitx ħallset lill-imputat imma lill-persuna li magħha kienet qasmet il-pillola.** Fil-boat party kienet rat pilloli għaddejin mill-imputat għal persuna oħra.

10. PC 102 Anthony Portelli kkonferma li kienu sabu ż-żewġ pilloli fuq l-imputat.

11. PC 730 Raymond Vella xehed li kienu raw lill-imputat iqassam xi pilloli suspettati ecstasy lil Antonella Gili. Huwa kkonferma s-sejba ta' żewġ pilloli ecstasy fuq l-imputat. Fil-post kien hemm dawl qawwi. Kif marru fuq it-tfajla, il-pillola waqgħetilha.

12. Reġgħet xehdet Antonella Gili (fol 40) li qalet li kienet ġabet l-ecstasy minn għand l-imputat. (Fol.41). Kienet ġabet l-ecstasy minn għand l-imputat darbtejn oħra u qatt ma ħallset. (fol 42). Filfatt qalet:

'Konna waqt party u ħariġhom mill-but u tani nofs waħda.'

13. Fil-kontro-eżami nsistiet li Kenneth kien tahielha waqt party. (Ara wkoll fol43).

14. Għal aktar mistoqsijiet mid-difiża, ix-xhud qalet:

‘Jien sa fejn naf jien kien jixtriha minn għand Kenneth u imbagħad jagħtiha lili’

15. Hija nnegat li kienu ftehmu biex iwaħħlu fl-imputat.

**Xhieda Difiża**

16. Xehed l-imputat li qal li waqt il-party kienu ħajruh biex imur iġib xi affarjiet minn ġol-karozza ta’ wieħed u mar iġibhom u qassamhom. Huwa xehed li kien ħa nofs hu u ta n-nofs l-ieħor lix-xhud Antonella. Huwa qal li dejjem kien ikun l-istess bniedem li kien imur għad-droga. (Fol 66).

17. Fil-kontro-eżami fl-istqarrija l-imputat kien qal li kien jixtriha hu u mhux qal li kien jixtriha ħadd ieħor ‘għax ma ried jikxef ‘il ħadd.’

18. L-imputat qal li hu s-soltu kien jagħti l-flus lil ħadd ieħor biex jixtri l-affarijiet . (Fol 69). Huma kienu joħorġu l-flus bejniethom. Żied jgħid li kien ikollu xi waħda żejda fuqu u kienu jitolbuhielu sħabu u kien jagħtihielhom. Huma kienu jkunu grupp u kienu jieħdu l-ecstasy.

19. Xehdet ukoll is-social worker Josette Camilleri li qalet li l-imputat kellu sfond familjari tajjeb. Huwa beda jaħdem u baqa’jaħdem. Filfatt kienu saru l-urine tests u ħarġu negative. Hi kienet ilha ssegwih għal żmien twil għaliex il-ġenituri tal-imputat tgħidx kemm kienu imputati. L-imputat ma kienx xi drug addict u ma kienx hemm għalfejn tagħtih counselling.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

20. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat qal li hu kien xtara erba' pilloli bis-sitt liri kull waħda. Qal ukoll li meta kien jagħti l-pilloli lil sħabu, qatt ma kien għamel hekk għall-profitt. Kien ibigħhielhom kemm kienet tiġi lilu.

21. Meta xehed l-imputat qal li s-soltu kien jaħgtihom lil xi ħadd ieħor biex jixtri l-affarijiet. (Fol 69). F'mument minnhom qal ukoll li kienu joħroġuhom bejniethom. (Fol 69).

22. Il-mistoqsija iżda tiġi waħidha. Kif instab l-imputat b'erba' pilloli fuqu meta s-soltu, skond hu, kien ikun ħadd ieħor li jixtri? Meta kellu erba' fuqu jirriżulta li kien qed jagħti nofs pillola lil ħadd ieħor. (U barra x-xhieda ta' Antonella Gili, hemm ix-xhud okulari PC 730 Raymond Vella). Hemm prova wkoll li waqt party kien intlemaħ jgħaddi pillola ecstasy lil ħadd ieħor (fol.13).

23. Il-Qorti aktar temmen dak li qal l-imputat fl-istqarrija lill-Pulizija milli dak li qal fuq il-pedana tax-xhieda.

24. Il-Qorti qieset ukoll li x-xhud ewlenija tal-Prosekuzzjoni qalet li fil-15 t'Awwissu l-imputat kien taha nofs pillola b'xejn. (Fol.11). Fl-okkażjoni l-oħra tax-xahrejn ta' qabel, l-istess persuna kienet għaddiet il-flus lil min kien taha l-pillola (li ma kienx l-imputat iżda persuna oħra) u lil din il-persuna l-oħra l-imputat tah pillola ecstasy. U kien ġara l-istess f'boat party. Ix-xhud tat il-flus lil min kien xtara l-ecstasy minn għand l-imputat.

25. Minn dan kollu l-Qorti tagħmel dawn il-konklużjonijiet:

(a) Li fil-15 t'Awwissu 2001, l-imputat qasam nofs pillola mal-imputata iżda ma kienx hemm korrispettiv ta' prezz.

(b) Fix-xahrejn ta' qabel persuna kienet tat lil xhud tal-Prosekuzzjoni nofs pillola ecstasy u din ix-xhud kienet għaddiet il-flus lill-persuna li tatha n-nofs pillola u l-imputat ta pillola ecstasy lil din il-persuna.

(ċ) Fil-boat party reġa' ġara l-istess. (Fol 14)

26. Dwar il-provi rigward il-15 t'Awwissu 2001, jirriżulta li l-imputat 'forna' d-droga lix-xhud tal-Prosekuzzjoni.  Ma jsitax jingħad li sar bejgħ għaliex ma kienx hem mil-korripettiv ta' prezz.  Fil-fatt ix-xhud qalet li n-nofs pillola ħaditha b'xejn.  Fuq din l-okkażjoni, waqt li jista' jingħad li l-imputat forna d-droga iżda ma keinx biegħ kif inhi redatta l-imputazzjoni.

27, Dwar id-drabtejn l-oħra jidher li kien hemm il-korrispettiv ta' prezz. Dawn it-tranżazzjonijiet jidhru li saru billi x-xhud ħallset lit-terza persuna u din it-terza persuna ħallset lill-imputat li tah l-ecstasy.  Dan kollu sar fil-perjodu indikat fl-ewwel imputazzjoni.

28. Meta l-Qorti qieset dak li kien qal l-imputat fl-istqarrija meta ddeskriva x'kien qed jagħmel korrentement u magħhom għarblet dak li jidher fil-paragrafi preċedenti kkonkludiet li

(A) fil-15 t'Awwissu 2001, l-imputat (a) kellu l-pussess tal-ecstasy; (b) qasam nofs pillola ma' persuna oħra mingħajr korrispettiv ta' prezz;

(B) Fix-xahrejn ta' qabel kienu għaddew il-flus bejn l-imputat u lil min biegħ id-droga.  Dan joħroġ  kemm mix-xhieda kif ukoll minn dak li qal l-imputat.

29. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati li biegħ l-ecstasy fix-xhur ta' qabel il-15 u s-16 t'Awwissu 2001 iżda mhux fil-15 t'Awwissu meta huwa ma biegħx iżda forna. Fl-imputazzjoni ma tidherx il-kelma 'forna' u tidher il-kelma 'biegħ' biss.  Allura l-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' bejgħ għal dak li għamel fix-xhur ta' qabel il-15 t'Awwissu iżda mhux għal dak li seħħ **fil**-15 t'Awwissu 2001 għaliex il-kelma 'bejgħ' għandha tifsira speċjali kif tidher fil-Kodiċi Ċivili u hija differenti mit-tifsira li wieħed jagħti lill-kelma 'forna' fejn wieħed jista' jissuplixxi mingħajr prezz.

30. It-tieni imputazzjoni – dik ta' pussess sempliċi ta' ecstasy – hija ppruvata mill-istess ammissjoni tal-imputat li kellu l-ecstasy fuqu.

Konklużjoni

31. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, ir-regolament 3(1) tal-LN 22 tal-1985 kif ukoll l-artikolu 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) u 120A(2B) (li jikkorrispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101) kollha tal-Kap 31 issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni għal dak li ġara fix-xahrejn ta' qabel il-15 t'Awwissu 2001 u qed tilliberah għal dak li ġara fil-15 t'Awwissu 2001 u qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni liema imputazzjoni qed titqies assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

32. Mill-istqarrija jidher li l-imputat kien ta tagħrif li seta' sewa lill-Pulizija. Għalhekk l-imputat għandhu jibbenenifka minn dak li jipprovdi l-artiolu 120(2B) (li jikkorrispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101.

33. Għadda wisq żmien minn meta beda dan il-każ u l-imputat illum m'għadux iż-żagħżugħ ta' qabel. Il-Qorti qed tqis ukoll dak li ddeċidiet il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ 'Beck versus Norway' u 'Jensen verus Denmark' u għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' xahrejn priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' €400 liema multa tista' titħallas b'rata ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma titħallasx xi parti minn din il-multa, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

34. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

35. Il-Qorti tirrakkomanda lid-Diretturi tal-post tax-xogħol ta' fejn qiegħed jaħdem l-imputat biex f'każ ta' xi passi dixxiplinari ma jiħdux miżuri ibsin kontrih u jżommu dik il-proporzjonalita' li titlob ic-Charter of Human Rights tal-Unjoni_Ewropea.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------